MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 177/2004

**Websphere Limited**

**Vs**

**Evan u Miriam Cumbo**

Illum 8 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-1 ta' April 2004 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati Evan u Miriam Cumbo ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' erbghat elef, mitjen u sebgha Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm4,207.56), ossija madwar disat elef, tmien mija u erbgha Euros (€9,804), rappresentanti l-bilanc ta' kumpens ghal servizzi professjonali rezi u spejjez inkorsi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-kreazzjoni u installazzjoni ta' internet website bl-isem 'www.mireva.com' kommissjonata mill-istess konvenuti lis-

socjeta attrici kif ukoll servizzi ancillari relatati ma' l-istess inkarigu kommissjonat.

Rat illi fl-4 ta' Mejju 2004, l-intimati ressqu l-eccezzjonijet taghhom fejn sahqu illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xoghol kommissjonat qatt ma gie konkluz u ma kienx funzjonabbli u kellhom jitqabbdu terzi mill-istess konvenuti sabiex jergghu jikkreaw is-servizz mill-gdid.

Rat illi fl-4 ta' Mejju 2004 il-konvenuti ippresentaw ukoll talba rikonvenzjonali ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap 12 fejn huma talbu illi l-Qorti tikkundanna lis-socjeta Websphere Ltd sabiex trodd lura l-ammont ta' elfejn disgha mija u tmintax-il Liri Maltin u erbghata-il centezmu (Lm2,918.14), ossija madwar sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800), li kienu l-flejjes illi l-istess konvenuti halsu lis-socjeta attrici ghas-servizz ta' web site illi eventwalment ma kienx funzjonabbli u kellhom jitqabbdu terzi persuni sabiex jikkreaw is-servizzi kollha illi s-socjeta attrici kienet inkarigata taghmel.

Rat illi fid-19 ta' Mejju 2004 is-socjeta attrici ressqet l-eccezzjonijiet taghha ghat-talba rikonvenzjonali fejn sahqu illi x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti kienu attwalment qed jaghmlu uzu mill-web site minnhom prodotta u ghalhekk dak mitlub mill-konvenuti kien infondat.

Rat ix-xhieda ta' **Michael Mangion**, rappresentant tas-socjeta attrici, moghtija fis-27 ta' Ottubru 2004, flimkien ma dokumentazzjoni minnu esebita kif ukoll l-affidavit tieghu ippresentat fid-19 ta' Jannar 2005.

Rat ix-xhieda ta' **Julian Mc Ewel**, prodott mis-socjeta rikorrenti, moghtija fit 18 ta' Jannar 2005.

Rat illi, fit-18 ta' Jannar 2005, is-socjeta rikorrenti iddikjarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Rat illi fid-29 ta' April 2005, fuq talba tal-partijiet, l-espert tekniku **Martin Bajada** gie nominat bhala espsert sabiex jezamina l-website u jara jekk tiffunzjonax ghal finijiet ta' bejgh ta' kotba fuq l-internet kif ukoll jekk l-ammont mitlub huwiex esagerat jew le.

Rat illi fis-6 ta' Lulju 2010, l-Espert Tekniku Martin Bajada ippresenta u halef ir-rapport tieghu.

Rat illi, tul l-inkariku tal-Espert Tekniku, xehdu diversi partijiet fil-kawza, ossija **Renzo Kerr Cumbo**, **Simon Sultana**, **Charles Cachia** u **Sean Ebejer** kif ukoll gew ippresentati l-affidavits ta' Renzo Kerr Cumbo, Charles Cachia, Simon Sultana, Sean Ebejer u **Evan Cumbo**, li tieghu wkoll sar il-kontro-ezami.

Rat illi, fuq talba tas-socjeta rikorrenti, fl-1 ta' Gunju 2012, l-Espert Tekniku intalab sabiex, permezz ta' nota, jindika jekk il-kont kif redatt mis-socjeta rikorrenti kienx wiehed in eccess jew le u jaghti r-ragunijiet tieghu.

Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2012, l-Espert Tekniku ippresenta n-nota spjegattiva tieghu.

Rat illi fit-18 ta' Frar 2013 gew ippresentati domandi in eskussjoni lilll-Espert Tekniku mis-socjeta rikorrenti.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2013, l-Espert Tekniku ippresenta r-risposta tieghu ghad-domandi in eskussjoni.

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2013 il-Qorti akkordat lill-partijiet zmien sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub u differit il-kawza ghat 12 ta' Lulju 2013 sabiex issir it-trattazzjoni finali u wara l-kawza tigi differita ghas-sentenza.

Rat illi fit-12 ta' Lulju 2013, ma kienux gew ippresentati sottomissjonijiet mill-partijiet u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna servizz fejn il-konvenuti kienu qabbdu lis-socjeta rikorrenti biex tipproduci web site illi kienet tipprovdi ghall-bejgh u xiri ta' kotba illi l-konvenuti kienu jbieghu mill-hanut taghha, Mireva Bookshop, minn terzi persuna tramite sistema 'on line' minn fuq l-internet.

Illi jirrizulta illi l-konvenuti kellhom gia database tal-kotba kollha illi huma kellhom a disposizzjoni fil-hanut taghom, u s-socjeta rikorrenti kellha taghmel sistema ta' 'online bookstore' fejn tintegra il-kotba kollha illi huma ghal bejgh fis-sistema 'on line' kif ukoll tipprovdi ghal sistema fejn kotba godda setghu jigu mdahhlu u mibjugha mill-web site.

Jirrizulta illi, skond dokumentazzjoni ippresentat mis-socjeta rikorrenti stess, il-prezz ikkwotat ghas-servizz li kellu jkun pprovdud kien ta' Lm3,600, eskluz il-VAT, li minnhom Lm1600 kif ghad-disinn u zvilupp tal-website filwaqt illi il-bilanc, ta' Lm2,000, kien ghal 'support and maintenance'.

Jirrizulta, wkoll, skond dokumentazzjoni ippresentat lill-Espert Tekniku a fol 101 tal-process, illi l-kont kollu ghas-servizz tas-socjeta rikorrenti tela ghal ftit aktar minn sebat elef u erbgha mitt Liri Maltin, inkluz VAT, minn liema ammont kien thallas l-ammont ta' tlett elef, mitejn u wiehed u ghoxrin Liri Maltin, disgha u tmenin centezmu (Lm3,221.89).

Jirrizulta, izda, mix-xhieda ta' l-intimati, illi s-sistema kellha diversi problemi li eventwalment wasslet sabiex ma tintuzax u tigi rimpjazzata minn sistema maghmulha minn terzi.

**Ikkunsidrat**

Illi opportun, f'dana l-istadju, illi l-Qorti tgharbel il-konsiderazzjoni u konkluzjonijiet maghmulha mill-espert tekniku minnha imqabbad sabiex jara jekk il-website

tiffunzjonax tajjeb ghal finijiet ta' bejgh ta' kotba fuq l-internet u jekk l-ammont mitlub huwiex esagerat.

L-Espert ikkonstata is-segwenti:-

*"Mix-xhieda, l-affidavits u l-kontro-ezami tas-sur Evan Cumbo jidher bic-car li l-qafas tal-website kienet tesisti u kienet qieghda tigi mhaddma sabiex jigu indirizati problemi li jirrizultaw mill-process ta' beta testing.*

*Mix-xhieda ta' Sean Ebejer jidher bic-car li l-apparat kien ordnat u nstallat ghand il-Mireva Book Shop. Mill-istess xhieda jirrizulta jekk li kien hemm problemi ta' stampar ta' ordnijiet kif ukoll problema dwar l-internet connection.*

*Kien hemm problema ohra dwar it-trasferiment ta' data mis-sistema precendenti, tant li kienu saru laqghat ma' Charles sive Carmel Cachia, il-persuna li kienet kitbet il-programm DART (li kien id-database li kellhom l-intimati qabel). Madanakollu, kien sar trasferiment tad-data u aktar tard irrizulta li kien hemm mismatch dwar kif giet moqrija l-informazzjoni mid-datatase tas-sistema DART. Mix-xhieda jidher illi l-kwistjoni dwar it-trasferiment tad-data kienet ostaklu u ta' tfixkil ghall-funzjonalita' tas-sistema proposta. Websphere LImtied uzat is-servizzi ta' certu Roger W Matthew sabiex inkitbet rutina li ntuzat sabiex tigi trasferita id-DART database.*

*Jidher ukoll li kien hemm xi tilwima ohra dwar id-Domain Name www.mireva.com u l-email address info@mireva.com. Ghalkemm konnessi mas-suggett in kwistjoni ma hemm l-ebda talba formali fuqhom.*

*Illi wara li l-esponent sema x-xhieda mressqa, ha konjizzjoni tal-affidavits u ra d-dokumentazzjoni kollha ppresentata fuq il-kaz, irrizulta li gej:-*

1. *Dwar il-funzjonalita' ghal finijiet ta' bejgh ta' kotba fuq l-internet, jirrizulta:-*

1. *Mill-analasi tas-software u d-data preentati minn Websphere Limited u Evan Cumbo, l-website kienet f'stadju avvanzat ta' funzjonalita'. Madanakollu, diversi*

*funzjonijiet kien baqghalhom diversi modifiki u alterazzjonijiet sabiex il-funzjoni taghhom tkun dika mehtiega.*

2. *Kemm Evan Cumbo, Renzo Kerr Cumbo u Sean Ebejer jikkonfermaw li l-website kienet giet installata u kien qiegehd isir xoghol ta' irfinar minn certu Frank Kilkelly u testing minn Renzo Kerr Cumbo.*

3. *Ma giet ippresentata l-ebda dokumentazzjoni mill-ebda parti dwar il-ftehim li kien sar fuq il-prezz u x-xoghlijiet mifthiema. Evan Cumbo pprezenta bhala Dok B fl-affidavit tieghu Internet Presence - Preliminary Documentation. Dan id-dokument ma jinkludi l-ebda dettall dwar prezz u/jew spjega tax-xoghol kummissjonat.*

2. *Dwar jekk l-ammont mitluba humiex esagerati:*

1. *L-esponent jikkonferma li r-rata ta' Lm15 fis-siegha, fis-sena 2003, hija dik ir-rata li kienet tigi mitluba mis-settur tal-ICT.*

2. *Li b-xoghol kummissjonat, jigifieri dak ta' disinn ta' website, kien ikun bazat fuq prezz globali tax-xoghlijiet miftiehma u sussegwentement piecemeal kien ikunu miftiehem prezzijiet ghal xi modifiki u/jew rutini ulterjuri.*

3. *Dan kollu kien jigi miftiehem bil-quddiem u bil-miktub u mhux bil-fomm.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jasal biex jikkonkludi li:*

1. *Is-sistema kommissjonata ghandha funzjonalita' 'l fuq minn sittin fil-mija mid-disinn finali.*

2. *L-esponent ma setax jiddentifika dak li kien miftiehem bhal website inzijali, tibdiliet, modifiki u addizzjoni ulterjuri. Dan peress li xejn ma kien dokumentat kif titlob is-sengha.*

3. *Mill-ezami tal-website, fl-optical diskettes pprezentati miz-zewgt partijiet, il-prezz miltub, u mhux il-bilanc, ta' Lm6,491.70 (Lm7,429.45 bil-VAT) ghas-sistema huwa wiehed esagerat.*

F'rapport addizzjonali illi l-istess espert kien ghamel fuq talba tas-socjeta rikorrenti sabiex jigi stabbilit b'kemm kif eccessiv il-kont, huwa ghamel referenza ghax-xhieda ta'

Michael Mangion moghtija quddiem il-Qorti fis 27 ta' Ottubru 2004 fejn tali xhud kien stqarr illi taw stima tax-xogholijiet fl-ammont ta' Lm3,600 u l-espert stqarr illi dwar ix-xoghlijiet li saru:

*"ix-xoghlijiet miqjusa addizzjonali u cioe' dawk tas-software ghal data transfer, firewall u email kif ukoll il-konfigurazzjoni u installazzjoni taghhom, inkluz shopping cart, huma integrali ma' website tal-generu tax-xoghol tal-intimati u ghaldaqstant 'website normali' f'dana l-isfond.*

*Ghaldaqstant, kull ammont in eccezz ghal dak miftiehem, skluz hardware, huma l-ammont in eccess u dan ghar-ragunijiet hawn fuq suesposti."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi, tul il-proceduri quddiem dina l-Qorti, s-socjeta attrici ippresentat zewgt dokumenti illi ghandhom importanza fil-konsiderazzjonijiet li ser tiehu dina l-Qorti, ossija id-dokument indikat bhala '***Original Estimate & feature break down***' a fol 24 u '***Schedule of Invoices and Payments***' ippresentata quddiem l-espert tekniku a fol 101 tal-process.

Illi minn tali dokumentazzjoni jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, wara illi kienet ltaqghet mal-intimati sabiex jiddiskutu dak li kien mixtieq minnhom, kienu fehmu l-htigiet ta' l-intimati u kienu ghamlu stima tax-xoghlijiet taghhom fl-ammont ta' Lm3,600 minghajr VAT, jigifieri total ta' Lm4,140 bil-VAT b'kollox, ekwivalenti ghal disat elef, sitt mija u sitta u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€ 9,646.20).

Illi jidher mid-dokumentazzjoni ta' l-istess socjeta attrici, illi eventwalment l-kont finali ghas-servizzi minnhom resi zdied ghal sebat elef, erbgha mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin, hamsa u erbghin centezmu inkluz il-VAT (Lm7,429.45), ossija ftit anqas mid-doppju, li minnu l-konvenuti kienu gia hallsu tlett elef, mitejn u wiehed u

ghoxrin Liri Maltin, u disgha u tmenin centezmu (Lm3,221.89) bir-rizultat li kien fadal il-bilanc li s-socjeta attrici tikkontendi riedet tiehu fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u sebgha Liri Maltin, u sitta u hamsin centezmu (Lm4,207.56), meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi irrizulta mir-rapport ta' l-espert tekniku imqabbad mill-Qorti fuq talba tal-partijiet, illi s-sistema illi kellha timplimenta s-socjeta attrici lill-intimati kienet funzjonabbli fil-percentagg biss ta' 'l fuq minn sittin fil-mija u ghalhekk ma kienetx kompletament funzjonabbli.

Illi irrizulta wkoll, kemm mir-rapport ta' l-espert tekniku, kif ukoll minn harsa akkurata lejn l-iskeda ta' Invoices u Pagamenti ippresentata mill-istess socjeta rikorrenti, illi x-xoghlijiet kollha illi kienu indikati fl-invoices kollha kienu x-xoghlijiet illi kienu gew originalment mitluba mil-intimat lis-socjeta rikorrenti u ma jidhirx illi kien hemm xi xoghlijiet addizzjonali mhux relatati mas-sistema ta' 'Online Bookstore' kif deskritta mill-istess socjeta rikorrenti fl-istima originali taghhom esebita mill-istess socjeta rikorrenti a fol 24 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Fil-proceduri odjerni, apparti t-talba tas-socjeta rikorrenti ghal hlas tal-bilanc minnha pretiz, hemm ukoll it-talba ghar-rifuzjoni tal-flus illi l-intimati jghidu illi hallsu lis-socjeta rikorrenti ghal sistema li eventwalment huma ma adoperawx peress illi s-sistema ma kienetx qed tinffunzjona sew.

L-intimati, di fatti, jishqu illi huma hallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' elfejn disgha mija u tmintax-il Liri Maltin u erbghatax-il centemu (Lm2,918.14) u ghalhekk talbu rifuzjoni taghhom.

Illi, ghalkemm ma jirrizulta li tressqu xi dokumentazzjoni da parte ta' l-intimat sabiex jikkorrobora tali asserzjoni illi ghamel il-pagamenti minnu indikati, jirrizulta li, skond id-dokumentazzjoni tas-socjeta rikorrenti stess, l-intimati hallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlett elef, mitejn u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,221.89).

Allura il-Qorti tikkonkludi illi ma hemm ebda kontestazzjoni da' parte tas-socjeta rikorrenti illi saru l-hlasijiet indikati mill-intimati lis-socjeta rikorrenti. Il-kontestazzjoni hija dwar il-fatt illi tali rifuzjoni ma hijiex mehtiega.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet giet inkarigata taghmel xoghol ta' *web site* u *online bookstore* versu stima ta' Lm3,600, liema sistema, izda, eventwalment, filwaqt illi giet implimentata, ma kienetx totalment funzjonabbli u, di fatti, skond il-konkluzjonijet ta' l-espert tekniku, dawna kienu funzjonabbli 'l fuq minn sittin fil-mija (60%) u giet tiswa ftit anqas mid-doppju.

Jirrizulta car ukoll mill-provi prodotti illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx f'pusizzjoni illi tipprovdi s-serviz illi kienet wieghdet lill-intimati u, di fatti, biex ippruvat issolvi certi problemi teknici, kellha tirrikorri ghal servizz ta' terzi u hadet hafna aktar zmien minn dak minnhom oroginalment stmat sabiex taghmel is-sistema operabbli, ghalkemm mhux fl-interjieta taghha, kif stabbilit mill-espert tal-Qorti.

Jirrzulta wkoll car illi s-socjeta rikorrenti, fil-mument illi ghamlet l-istima tax-xoghljiet taghha u, ghalhekk hajjret lill-intimati sabiex jadoperaw is-servizzi taghha biex jaghmlu 'online bookstore', ghamlet stima ta' Lm3600 eskluz VAT filwaqt illi, attwalment, ma kienetx taf bl-ezatt ghal xiex kienet diehla, peress illi l-problemi teknici illi hija rinfaccjat kienu problemi bazici illi certament kellha tkun taf dwarhom qabel ma ipproponiet l-istima taghhom. Il-fatt illi l-intimati kellhom problema bit-trasferiment tad-data mis-sistema antika taghhom ghas-sistema tas-socjeta

rikorrenti hija indikazzjoni cara bizzejjed illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx ghamlet ir-ricerka sufficjenti fuq is-sistema li kellhom l-intimati u l-konverzjoni ta' tali informazzjoni fuq is-sistema 'l gdida taghhom, liema nuqqas wassal ghal problemi serji illi, eventwalment wasslu biex l-intimati jiskartaw is-sistema tas-socjeta rikorrenti u jimplimentaw sistema ohra.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tqis illi l-istima originalment redatta mis-socjeta rikorrenti ma' l-intimati hija, kif del resto stqarr ukoll l-espert tal-Qorti, il-valur intjier tax-xoghol illi kellha taghmel is-socjeta rikorrenti, u ghalhekk, kwalsiasi somma ohra pretiza mis-socjeta rikorrenti ghandha titqies bhala ecessiva u ghalhekk mhux dovuta.

Il-Qorti, tiehu konjizzjoni tal-konkluzjoni milhuqa mill-espert tekniku, fejn stqarr illi s-sistema pprovduta mis-socjeta rikorrenti kienet funzjonanti 'l fuq minn 60% minn dak rikjest. Il-Qorti, ghalhekk, qieghed tqis, *animo boni viri*, illi zewgt terzi tas-servizz ordnat mill-intimati mis-socjeta rikorrenti kien ipprovdut lill-istess intimati.

Peress illi s-socjeta rikorrenti tat stima tax-xoghlijiet fil-valur ta' Lm3,600 salv VAT, allura il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi x-xoghol illi attwalment sar mill-istess socjeta rikorrenti kellu jammonta ghal Lm2,400 eskluz VAT, illi ghalhekk jaghmlu total ta' Lm2,760.

Illi jirrizulta illi l-intimati, skond ma stqarrew huma stess, hallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' Lm2,918.14, ossija ftit aktar minn dak li l-Qorti fuq ikkonkludiet illi kellu jkun stmat ix-xoghol tas-socjeta rikorrenti abbazi tal-kostatazzjonjiet maghmulha mill-espert tekniku.

Peress illi id-differenza bejn dak imhallas mill-intimati lis-socjeta rikorrenti u dak stmat mill-Qorti ghas-serizz res mis-socjeta rikorrenti huwa minimu, il-Qorti ser tqis illi l-flejjes kollha imhallsa mil-intimati lis-socjeta rikorrenti, ossija Lm2,918.14, huma sufficjenti biex jaghmlu tajjeb

ghas-servizz kollu res mill-istess socjeta rikorrenti lill-intimati, tenut kont tal-fatt illi tali servizz ma kienx funzjonabbli kompletament izda bisss madwar sittin fil-mija tieghu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni esebita.

Wara illi rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Martin Bajjada ippresentat fis-6 ta' Lulju 2010 kif ukoll ir-rapport addizzjonali ippresentat fit-22 ta' Ottubru 2012 u ir-risposti ghad-domandi in eskuzzjoni ippresentati fl-14 ta' Marzu 2013.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Dwar it-talba tas-socjeta Websphere Limited kontra l-intimati Evan u Miriam Cumbo ghal hlas tal-bilanc ghas-servizzi minnhom resi

Tilqa l-eccezzjonjiet kollha tal-intimati u ghalhekk

Tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti

U Dwar it-talba ta' l-intimati Evan u Miriam Cumbo kontra is-socjeta Websphere Limited ghar-rifuzjoni tal-flejjes minnhom imhallsa

Tichad l-ewwel, tieni u raba eccezzjoni tas-socjeta rikorrenti filwaqt illi tilqa it-tielet eccezzjoni u ghalhekk

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali ta' l-intimati.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni, kemm ghat-talba originali kif ukoll ghat-talba rikonvenzjonali u tal-Espert Tekniku imqabbad mil-Qorti ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------